# INTIETEF TA' STORJA FOLKLORISTIKA MILL-GHASRI

It-Tielet Parti

— Tagħrif miġbur minn **Toni Calleja** —

## DAĦLA

Għal din il-ħarġa ser nittrattaw diversi modi ta' devozzjonijiet u drawwiet folkloristiċi fl-Għasri marbuta ma' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Il-folklore Malti marbut ma' dan is-suġġett b'mod partikulari u mal-mewt u/jew mal-mejtin b'mod ġenerali huwa mhux biss kotran iżda wkoll attraenti u li jirkaċċa fuq l-oħrajn kollha.

Id-devozzjoni lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju minn dejjem kienet waħda qawwija u għażiża ħafna. Il-Konċilju ta' Trentu, fl-4 ta' Diċembru, 1563 jgħid hekk: "Billi l-Knisja Kattolika mgħarrfa mill-Ispirtu s-Santu, u wara li segwiet il-kitba tal-għorrief tagħha, għallmet, u anke issa f'dak il-konċilju; li hemm Purgatorju u li l-erwieħ jiġu megħjuna bit-talb tal-fidili ħajjin u l-aktar bis-sagrifiċju ta' l-artal, dan il-konċilju jobbliga lill-isqfijiet biex jgħallmu d-duttrina tal-Purgatorju lill-fidili kullimkien".



Fi żmien il-Kavallieri, hekk kif imutilhom xi ħadd, l-aktar jekk jinzerta l-kap tad-dar, nies il-mejjet, l-ewwel faċenda li kienu jintrigaw minnha, kienet dik li jibagħtu għan-newwieħa. U *Ġieżumarija,* dawn il-bekkejja, xi tlieta, erba' kollox, mhux talli kienu jikkapparraw id-dar dment li jkun għadu hemm il-katavru, imma li saħansitra jagħmlu minditta minnha! Hekk kif jirfsu mill-għatba 'l ġewwa kienu jaħsdu l-kannizzata tal-bitħa. F'dawk iż-żminijiet ħadd ma kien jibni dar bla bitħa fuq quddiem – fattur arkitettoniku li kien ilu ġej ikaxkar f'pajjiżna sa minn żmien il-ħakma Għarbija, u li hawn fl-Għasri dam moda sa bejn wieħed u ieħor l-ewwel kwart tas-seklu għoxrin. Fiż-żmien li minnu qed nitkellmu ma kont tilmaħ l-ebda bitħa mingħajr dielja mħawla fiha bħala turija ta' ġid, ta' kotran u tal-barka ta' Alla.

Imbagħad, daw'l-ħalja ta' newwieħa kienu jitfgħu 'l barra mit-twieqi u l-galleriji kemm qsari jsibu u għal kull waħda li jxewħlu 'l isfel kienu jgħannu strofa b'leħen imħannen li l-kliem tagħha kien kollu jfakkar fi ħwejjeġ ta' niket u ta' swied il-qalb. Wara kienu jiżvugaw it-taparsi niket tagħhom li għalih kienu jitħallsu tajjeb, billi jsabbtu ma' l-art biex ifarrkuhom, l-isbaħ u l-ifjen fajjenza li jsibu ġod-dar, qalb xhir u tnewwiħ. Battikata oħra kienet dik li jiġbru l-biċċiet, jeħduhom fil-kċina, jisqħuhom trab fil-mehries, iħalltuhom ma' l-irmed u n-nugrufun u wara li jgħallu kollox f'borma ġdida, jiżbgħu b'dak id-dekott folkloristiku l-bibien u t-twieqi kollha tad-dar b'turija ta' vistu.

Dawn id-drawwiet u oħrajn tax-xeħta tagħhom bdew ininu sa minn ċirka l-aħħar kwart tas-seklu ħmistax. Fit-testment solenni ta' l-Arkajku, jew Kastellan Giovanni Nava u martu, f'testment manifestat fl-Atti tan-Nutar Grezzjanu Vassallo nhar l-Ewwel ta' Novembru, 1487, ordna li jekk tal-familja jridu li taqa' fuqhom il-barka tiegħu, m'għandhomx jaqtgħu dnub iż-żwiemel. Aktar minn hekk, il-Baruni Marku Inguanez, f'testment magħmul fl-Atti tan-Nutar Ġiljan Muscat tas-27 ta' Settembru, 1570, ħalla miktub li la jmut, m'għandhomx jaqtgħu d-dielja jew ikissru fajjenzi, inkella qsari, u li għandhom jidfnuh imgeżwer biss f'liżar, bla tebut xejn u li flok imħadda tar-rand li dejjem qiegħdu taħt ras il-mejjet, ried li lilu jqegħdulu ġebla. Id-drawwa ta' l-imħadda tar-rand taħt ras il-mejjet tnisslet fostna mill-Griegi billi kienu jifhmu li din ittaffi l-ħtijiet li jkun wettaq f'ħajtu.

Intant, meta jibbastaw mit-tiżliġ u t-tmesliħ ta' kull tebqa (bibien u twieqi; mill-verb titboq), in-newwieħa kienu jmorru jinxteħtu ma' riġlejn il-katavru fejn jibdew inewħu b'kemm ikollhom ħila u jfaħħru l-mejjet. Mat-tmiem ta' kull strofa, in-nisa ta' dar il-mejjet kienu jqattgħu trofof minn dlielhom u jqiegħdu dak it-tentuf fuq il-katavru. Din l-użanza daħħluha fostna l-Karteġiniżi, u ġid għal deni nqatgħet xi tliet sekli ilu. Minn dak iż-żmien in-nisa bdew jaħsbuha aħjar għax flok li jqattgħu dlielhom bdew iħolluh fuq daharhom bħal tal-Madalena u hekk l-ewwel jinxteħtu għarkubbtejhom fuq soddet il-mejjet jixhru, u mbagħad madwar it-tebut jolfqu man-newwieħa. Ma' dan it-tnewwiħ, in-nies tad-dar kienu wkoll jagħtu ħafna fuq wiċċhom, drawwa li wkoll tnibbtet fostna mill-Karteġiniżi billi dawn meta kien imutilhom xi ħadd għażiż, kienu jfellu wiċċhom kollu.

Sadanittant, waqt li f'kamret il-mejjet ikun għaddej dax-xenarju makabru, dad-dellirju, fil-bitħa, il-qaddejja, nisa u rġiel liebsin l-iskott minn fuq s'isfel u bil-mustaxija twila f'rashom, kienu jqassmu l-quċċija lill-fqar li ġmielhom kienu japprofittaw rwieħhom minn dan l-affu – ħobż, ftajjar u qamħ majjorkin imgħolli, imħallat bil-ġulġlien. Jgħid il-Malti, li bis-saħħa tal-għarusa, tiżfen il-qattusa. Imma għandu jkun li mhux biss, għax ukoll, bis-saħħa tal-mejjet stendut, jitrejjaq il-batut! Il-quċċija kienet il-wirt ta' drawwa tal-Griegi antiki, imsejħa *coliva,* jiġifieri t-tifriq fost il-fqar ta' qamħ inkaljat imħallat bil-kosbor u ħlewwiet oħra minn dar il-mejjet.

In-newwieħa jissuktaw inewħu l-mejjet sa ma jeħduh mid-dar u wkoll fl-akkumpanjament kienu jibqgħu jnewħu warajh kemm jifilħu. Dawn il-kwalità ta' nisa kienu jilbsu mant twil iswed ta' l-iskott li kien ikarkar warajhom. Huwa mifhum li din id-drawwa daħħluha l-Griegi meta f'Malta kien isir il-ħruq tal-kadavri flok li jidfnuhom, u baqgħet sal-pesta ta' l-1675, meta nqatgħet għal kollox. Qabel kien ikun għajb kbir għal dak li ma kienx ikollu min jibkih wara t-tebut.

Min kien ikun xi daqsxejn waħda tat-tajjeb, wara t-tebut kien ikollu wkoll id-daqqaqa tal-fifra, imsejħin *tibikini*. Din kienet drawwa antika bil-bosta tant li nsibuha pprattikata mhux biss mil-Lhud li kienu l-poplu ta' Alla, iżda wkoll mill-pagani. Il-Kastellan Giovanni Castelletti, f'testment iċċelebrat fl-Atti tan-Nutar Dun Lawrenz de Apapis nhar il-5 ta' Jannar, 1543, widdeb lil uliedu u lil martu li m'għandhomx jiżbgħu l-bibien u t-twieqi wara mewtu, u lanqas jibagħtu nies idoqqu l-fifri.

Filwaqt li mid-drawwiet li semmejna, illum kollox tar u mar, din tad-daqq wara l-mejtin ma nistgħux ngħodduha magħhom! Illum flok tal-fifri daħlu l-baned organizzati u armati sa snienhom, li jaffaxxinaw lil ħafna nies bil-marċi funebri li jtuna waqt xi funeral jew waqt il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li ġmielhom qed joktru u jiffjurixxu ma' kullimkien, fosthom aħna, hawn l-Għasri.

Issa wara din l-introduzzjoni qasira, ser nagħtu xi ntietef folkloristiċi marbuta mas-suġġett, kif ambjentati fir-raħal tal-Għasri f'epoki u żminijiet differenti:

## 10 • Il-buċċetti ta' l-Erwieħ

Fl-Għasri ta' tfuliti, fost id-devozzjonijiet kollha, kienet tispikka sħiħ dik versu l-Erwieħ tal-Purgatorju. Kienet devozzjoni ħajja li konna qed ngħixuha b'mod kostanti. M'iniex qed nirreferi għall-Quddies li kien jitqaddes, jew għas-smigħ tiegħu b'suffraġju tagħhom. Lanqas qed nirreferi għall-invokazzjonijiet li r-raħlin kienu jgħidu għalenija waqt it-tokki ta' 'l-Imwiet', ta' kull filgħaxija, wara l-Barka Sagramentali. Nifhem li dix-xorta ta' devozzjoni kienet tiffjorixxi f'kull parti tal-gżejjer Maltin; anzi b'sodisfazzjon kbir ngħidu li għadha hekk ukoll illum.

Intant, apparti mill-erwieħ tal-għeżież tagħhom, l-Għasrin kellhom devozzjoni partikulari versu l-Erwieħ Abbandunati, b'mod speċjali dawk tas-Saċerdoti; l-Erwieħ ta' Wied Għammieq;[1] l-Erwieħ Iġġustizzjati, partikolarment dawk bla ħtija; l-Erwieħ tal-benefatturi tal-Knisja tal-Għasri; l-Erwieħ ta' l-Imgħarqin, u ta' dawk li mietu mirdumin, fost l-oħrajn. Meta nħares lura, nifhem ngħid li barra mid-devozzjoni lejn Ġesù Sagramentat u lejn il-Madonna, l-aktar dik meqjuma taħt it-titlu għażiż tal-Patroċinju, id-devozzjoni ta' l-Erwieħ fl-Għasri kienet tipprevali fuq l-oħrajn kollha!

Fil-Knisja Parrokkjali, in-naħa tal-'Bieb tan-Nisa', mal-pilastru, taħt l-għaxar stazzjon tal-Via Sagra kien hemm kaxxa żgħira ta' l-injam maqsuma f'żewġ kompartamenti. Fihom kien hemm disgħa u disgħin buċċetta tondi tal-kartun daqs it-takki ta' l-iskartoċċ ta' l-ixkubetta; u eżatt bħal dawk tat-tombla, innumerati f'sekwenza. Fuq ir-riħ tagħha kien hemm gwarniċ imdaqqas b'kitba ġo fiħ mifruxa fuq żewġ kolonni, b'disgħa u disgħin invokazzjoni. It-tabella ta' ġol-gwarniċ, jew l-avviż, kienet waħda li tistieden għat-talb b'sufraġju ta' l-Erwieħ, tant li kienet intestata:

GĦAMIL TA' MĦABBA BIEX JIĠU MFARRĠIN
L-ERWIEĦ IMQADDSA TAL-PURGATORJU

---

[1] Wied Għammieq huwa isem ta' Ċimiterju li jinsab il-Kalkara, Malta. L-oriġini ta' dan iċ-Ċimiterju tmur lura sas-sena 1837 meta Malta nħakmet minn epidemija tal-kolera. Minħabba li l-fortizza tar-Rikażli ma baqgħetx tintuża għal skopijiet ta' difiża, bidluha bħala rikoveru għax-xjuħ. Dawn ġew ilkoll imniġġsa mill-marda u l-katavri tal-vittmi, madwar 855 ġew midfuna f'ċimiterju li ġie rranġat għaċ-ċirkustanza. Hekk kif spiċċa l-flaġell, bdiet devozzjoni mill-iżjed qawwija lejn dawn l-erwieħ u kull l-ewwel Tnejn tax-xahar bdew isiru pellegrinaġġi għal fejn kienu ġew midfuna.

Fl-1878 ġie deċiż li l-għadam li kien fadal jingabar f'post wieħed u fuqu sar monument li jikkonsisti f'pilastru bi xbieha tal-Madonna u Salib fuqu. Taħt il-pilastru hemm skrizzjoni li tgħid: "Hawn għadam il-Foqra li fis-sena 1837 fir Rikażli nġiebu u mietu. Dan iċ-ċimiterju bi flus id-devoti sar fl-1881. Intom tal-ħniena itolbu għall-mistrieħ tagħhom". Minħabba li d-devozzjoni ma naqset qatt, wara l-gwerra nbniet kappella fuq disinn tal-Kavallier Vincenzo Bonello, biex fiha jkun jista' jitqaddes il-quddies għall-pellegrini.

Kull waħda mid-disgħa u disgħin invokazzjoni kienet innumerata u kienet turi daqstant kategoriji differenti ta' Erwieħ. L-ewwel waħda f'ras il-lista kienet: **"Għal dawk l-erwieħ li l-iżjed ħabbew 'l Alla"**. L-aħħar invokazzjoni, bħal ta' l-ewwel, kienet ukoll waħda ta' natura ġenerali: **"Għall-Erwieħ kollha tal-Purgatorju"**. Is-sebgħa u disgħin invokazzjoni l-oħra huma varjati għall-aħħar. Hekk per eżempju insibu dawk l-erwieħ li kienu devoti ta' Ġesù Sagramentat, u b'kuntrast magħha, tippreżentalna lil dawk li kienu xi ftit għażżenin fil-ħwejjeġ ta' Alla; dik ir-ruħ li l-aħħar li daħlet fil-Purgatorju, għal dik li ser toħroġ l-aħħar; dawk l-erwieħ li kienu jsemmu l-Isem Imqaddes ta' Alla fil-bâtal, għall-oħrajn li kienu jgħallmu d-duttrina; dawk li kienu jitkellmu bla qies u l-oħrajn li ħabbew is-skiet; dawk li ħadmu għall-fidwa ta' l-ilsiera, għall-oħrajn li kienu qed ibatu minħabba l-gula; dawk li naqsu fit-trobbija ta' wliedhom għal dik ir-ruħ li l-mistrieħ tagħha l-aktar jagħti glorja 'l Alla. U nistgħu nibqgħu sejrin. Il-lista hija twila wisq biex insemmuhom kollha.

Mela, in-nies tal-Għasri, hi u ħierġa mill-knisja, speċjalment in-nisa u t-tfal kienu jerfgħu buċċetta mill-kaxxa, u wara li jaqraw in-numru kienu jikkunsultaw it-tabella biex jaraw għal liema kategorija ta' Erwieħ tikkorrispondi. Imbagħad, dik il-lejla stess kienu joffru invokazzjoni speċjali għas-suffraġju tagħhom.

Il-ħabib tiegħi, Mons. Professur, Dun Ġużepp Bezzina, igħid, li suppost, li dak li jkun jerfa' l-buċċetta mill-kumpartament tax-xellug u jiddepożitaha f'dak tal-lemin. Saħansitra jgħid li f'xi knejjes kien hemm vleġġa biex tindika dan. L-iskop kien li f'kull ċiklu jsiru d-devozzjonijiet ta' kull kategorija ta' Erwieħ. Imma jien għandi d-dubji tiegħi kemm fl-Għasri qatt kienet titħaddem dit-tali proċedura. Dan l-aktar, meta, għal xi raġuni jew oħra, il-vleġġa li turi d-direzzjoni, jekk qatt kienet teżisti xejn, sparixxiet. Jien ngħid għaliha, din l-imbierka vleġġa u la qatt rajtha u lanqas qatt smajt min isemmiha!

Tant hu hekk li ġie li smajt 'il min jistaqsi: "Huwa kif suppost titfagħha, minn Santa Tereża għal San Ġwann, jew minn San Ġwann għal Santa Tereża?" Povri qaddisin! San Ġwann u Santa Tereża huma t-titulari taż-żewġ artali laterali, fuq il-lemin u x-xellug tal-kaxxa inkwistjoni, rispettivament. U xi persuna minn qalb il-ġemgħa, bl-aktar mod ġenwin, fis-sempliċità kollha tagħha, kienet tirrispondi: *"U duk mux ċiku mbriku nejt jin, l-aqwa li weqt li tejt te' l-Erwiħ, il-biċċette dejjim tixħite fil-kaxxa l-uħra"*. Dawk niesna tant kellhom fidi qawwija fit-talb, li kienu jifhmuha li bis-sempliċi spustament tal-buċċetta minn kumpartament għall-ieħor, lil dawk l-Erwieħ li jitolbu għalihom, mill-Purgatorju jtellgħuhom il-Ġenna!

Jekk dak li jkun ma jkunx iħaddan l-arti tal-qari, u forsi lanqas jinzerta jkun hemm xi ħadd li jista' jgħinu, it-tali persuna kienet tagħmel it-talb ħerqan tagħha skond l-intenzjoni tan-numru fuq il-buċċetta. Fl-Għasri ta' ftit snin ilu, l-illitteriżmu kien l-ordni tal-ġurnata. Allura erħilna lilna t-tfal, imżattin kif konna, wara l-ewwel ftit lezzjonijiet tal-Malti fi *Standard I*, ma' Miss. Tabone, nippruvaw nispellu sakemm b'ħafna tlaqliq jirnexxielna naqraw dik il-kategorija li tikkorrispondi mal-buċċetta. Konna nieħdu battikata biex naqraw l-invokazzjoni ta' fuq it-tabella għax barra li kien għadna prinċipjanti, l-ortografija kienet minn dik l-antika u mhux dik kif stabbilita

mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924, u li allura konna qed nistudjaw aħna. Wara kollox, jekk ma kienx iseħħilna naqrawha, ma kien ikun ġara xejn, għax ta' brikkuni li konna, konna nivvintaw waħda minn żnietna jew inċamaw xi waħda minn dawk li nkunu lħaqna tgħallimna bl-amment.

Niftakar darba wieħed tifel li nzerta kellu l-fama ta' qarquċu, li bi żball, l-'Erwieħ ta' l-Abbandunati' qraha l-'Erwieħ ta' l-Indannati', u Peppa ta' Tewma tagħtu daqqa ta' għonnella b'kemm kellha saħħa għax b'saħna kbira fuqha, qalet li: *"l-indannuti d-dumunjuj mhux l-erwiħ, imsikin!"* Sewwa jgħidu li tini l-fama u ixħetni l-baħar. Imsejken ta' tifel ... il-filogu kissru l-bajd! Minkejja li dik il-lejla stess jien u hu konna ġġilidna fuq l-artal dwar min minna ser jagħmel in-navetta taċ-ċensier waqt il-Barka, tħassartu għal dik id-daqqa hekk intortament. Fejn tafu xi tfaqqigħa għamlet!

Intant, għat-tfal tal-Għasri dan kien ikun l-ewwel test pubbliku fil-qari. Nifhem, li għall-ġenituri, li minn jaf kemm sagrificċju kien jiswielhom li jibagħtu t-tfal l-iskola, din l-abiltà fil-qari, kienet tkun ta' sodisfazzjon kbir għalihom għax nistħajjel li f'qalbhom kienu jgħidu: *"Għell-erwiħ, dun mux ħiriċ ħmur pħali. Niżu ħujr 'l Alla l-Imbirik, se jkun juf jaqra u jiktip ittre mite jmur l-Istralja!"* Għax dakinhar is-safar kien hemm, u l-Awstralja kienet wisq fuq fomm in-nies. Huwa mhux bilfors, ġaladarba l-għeżież tagħhom kienu hemm! Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm ukoll hija qalbek.

J'Alla din il-kitba tqanqal qlub ġenerużi li jesiġu biex it-tali devozzjoni terġa' tiddaħħal fil-knejjes tagħna. Fil-Knisja tal-Parroċċa, din id-devozzjoni, sa kemm tneħħiet ħesrem xi għaxar snin ilu, kienet għażiża ssemmix. Jingħad li l-għeżież missirijietna u ommijietna kienu tellgħuha magħhom minn tal-Patroċinju, meta allura, fl-1916, bdew jużaw il-Knisja l-Ġdida. F'pajjiżna din id-devozzjoni hija antika bosta tant li n-*Nihil Obstat* fuq il-kopja li għadha teżisti fl-Għasri, mogħti mill-Kan. Salv Cumbo, *Cens. Theol*, iġġib id-data tal-31 ta' Awissu, 1874. Barra minn hekk din id-devozzjoni hija mżejna b'100 Ġurnata Indulġenza, applikati għall-Erwieħ tal-Purgatorju, mogħtija mill-Papa Piju IX (1846 ✠ 1878).

## 11 • Dmugħ l-Erwieħ

L-annati ma jixxebħux, hemm minnhom xotti bħal-frawli, u oħrajn miblula daqs mardon jgħum ixxamplat fiż-żejt ta' musbieħ! Fi snin xotti kien isir ħafna talb ħerqan għax-xita fil-knejjes u wkoll fid-djar. Għan-nies tal-Għasri, li kienu fil-maġġuranza l-kbira tagħhom bdiewa, biex ma ngħidux irrink, ix-xita kienet ħajja jew mewt. U mhux qed ngħaġġbuha, tafux! L-inxief jikkawża bejgħa fqira u għalhekk matmura qasira. Għaldaqstant il-familji riedu jġebbdu u jġewżu kemm jifilħu biex il-ftit li jkollhom ilaħqilhom sal-ħsad ta' l-istaġun il-ġdid. F'bosta okkażjonijiet, l-aktar f'dawk rżiti u msikkmin, voldieri magħluba u dgħajfa f'saħħithom, dan-nuqqas ta' nutriment kien jikkawża l-mard, u xi drabi wkoll il-mewt!

F'dawk is-snin xotti, fejn il-wiċċ ikun inâżi, voldieri qed imut bil-għatx, u kienet tagħmet xi tikka xita qisha ferħ naħal; kemm taħsel it-triq, l-antenati tagħna hawn l-Għasri, lil din-nitfa xita kienu jirreferu għaliha bħala 'Dmugħ l-Erwieħ'. B'dan kienu jkunu jridu jfissru li l-erwieħ tal-purgatorju, biex jirrispondu talbhom, min-naħa tagħhom kienu jkunu qed jitolbu u jibku quddiem il-Ħanin Alla biex dan jibgħat ix-xita tant meħtieġa fuq l-art niexfa.

Għalihom, dik ir-raxxa xita ħafifa ħafifa, ma tkunx biss ħlief qtar ta' dmugħ għajnejn l-erwieħ waqt li jkunu jinterċidu għalihom quddiem it-Tribunal Divin!

## 12 • Tiffriska l-Erwieħ bl-ilma tal-bir

Il-kult ta' l-Erwieħ fl-Għasri tant kien b'saħħtu li lanqas temmen x'kienu jaslu jagħmlu n-nies biex jissuffragawhom! F'nofsinhar, meta x-xemx ħaddiela tkun fil-karga tagħha, wara li tkun laqqtet dak il-bukkun, qabel tidħol tieħu nagħsa, iż-żija Kelina Calleja (1895-1977), Alla jtiha l-Ġenna, kienet timla bomblu ilma frisk mill-bir tal-bitħa, u wara kienet troxx ħafna minnu minn fuq il-palma t'idha, fit-triq, quddiem il-bieb, u fis-setaħ ta' quddiem l-għorof waqt li tinvoka talb ħerqan 'l Alla b'suffraġju ta' l-erwieħ.

Hawn l-Għasri, u la qatt rajt u lanqas smajt b'xi ħadd ieħor, ħlief Kelina, li kien jipprattika din id-devozzjoni. Iz-zija l-oħra, Ċikka (1899-1985), xebba bħal oħtha, u jgħixu f'dar waħda, u bħalha wkoll ruħ twajba, mhux talli qatt ma rajtha tagħmel dar-ritwal, iżda li lanqas qatt innotajtha tieħu sehem fih. Bilfors li ma kenitx xi ħaġa endemika tal-Għasri għax kieku Ċikka ma kenitx tibqa' lura daqs kemm kienet marbuta u akkanita għat-tradizzjonijiet u l-użanzi tar-raħal.

Il-ħabib tiegħi Anton F. Attard, il-folklorista ewlieni Għawdxi, igħid li din l-użanza kienet ipprattikata wkoll fir-Rabat. Għaldaqstant nissuspetta li z-zija Kelina ġabitha l-Għasri mir-Rabat, fejn għamlet aktar minn kwart ta' seklu infermiera, l-aktar fil-*Victoria Hospital* – l-Isptar il-qadim ta' Pjazza San Franġisk.

## 13 • "Mirakli" ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju fl-Għasri

*i)* "Kienet qiegħda tinbena l-Knisja tan-Nazzarenu tal-Għasri. Sa għoxrin filata kollox mar ħarir; il-flus qatt ma naqsu; il-Viċendarju Dun Ġużepp Vella, issa jitlob l-għajnuna lil dan, issa lil missieru, li bnielu filata dawra mejt; sa fl-aħħar il-borża nixfet għal kollox, u biex tagħqad ma sabx lil min jitlob iżjed.

Ikkonfondut, il-Viċendarju kien qiegħed jitkellem ma' Dun Ġużepp Buttigieg, li kien iħabrek mhux ftit għall-knisja, u bdew jaraw għand min għandhom jirrikorru.

"Ara kif nagħmlu," qabeż qal f'daqqa waħda l-Viċendarju, "nitolbu lill-Erwieħ tal-Purgatorju. Minn issa int u jien inqaddsu għall-Erwieħ." Wara erbat ijiem, Dun Ġużepp Buttigieg kien miexi fi Triq ir-Rabat. Raġel li ma jafux tah kemxa ġmielha għall-knisja tal-Għasri. Kollu ferħan mar jiġri għand il-Viċendarju. Dan (il-Viċendarju) kollu ferħan mar ġab mill-moħba li kellu fil-kċina, somma oħra sabiħa li kien irċieva minn persuna oħra. L-Erwieħ semgħu talbhom u pprovdew il-flus."

A. Vella, *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu,* Legion Press – Għawdex, pp. 291-2.

*ii)* L-Erwieħ tal-Purgatorju dejjem jistennew li aħna nitolbu għalihom u huma wkoll jitolbu 'l Alla għalina. Xhieda ta' dan jirrakkonta fatt li ġara lilu stess il-Pulizija tal-Għasri, ċertu Ċikku Saliba mix-Xewkija magħruf bħala tas-Siċiljan. Il-każ li ser insemmi seħħ lejn il-bidu tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor meta l-Għassa tal-Pulizija tal-Għasri kien għadha f'ta' Franġisk Sultana, iċ-Ċemperlin, fejn illum hemm it-*Telephone Booth* ta' Pjazza s-Salvatur, allura bejn is-snin 1906 u l-1937.

Jum fost l-oħrajn Ċikku kien qed jipprepara l-borma bħas-soltu fuq ix-xriek li kellu taħt it-taraġ tal-Għassa. F'dal-post li kien iservi bħala kċina kien hemm ukoll ħarrieġa tal-ġebel. Hekk kif poġġa l-borma fuq in-nar, sema' quddiesa ddoqq u billi ddeċieda li jmur jismagħha, reġa' mill-ġdid tefa' l-kuċiniera, u mar il-Knisja jisma' l-Quddiesa. Malli ntemmet, il-Pulizija rritorna dritt l-Għassa biex mill-ġdid ipoġġi l-brajma fuq in-nar iżda b'għaġeb kbir tiegħu jsib kollox mgħaffeġ. Ma damx ma ttenda x'kien ġara; il-ħarrieġa qatgħet weħidha u għaffġet il-borma ta' l-ikel bil-kuċiniera b'kollox. Li ġebla maħruġa 'l barra minn ġol-ħajt taqta' u taqa' weħidha mhux xi għaġeb tal-għaġbijiet, biżżejjed ikun fiha ħajta (brama), jew maqtugħa kontra l-vina. L-għaġeb hu kif ċediet xħin ħtieġlu jwarrab dik in-naqra!

Intant, Ċikku radd ħajr lill-Erwieħ talli dakinhar salvawlu rasu, għax li kieku ma marx jisma' l-Quddies, dik il-ġebla kienet tiġi fuq rasu u tħallih tal-kolp.

Informazzjoni mogħtija lili bil-miktub, f'Settembru 2002, mill-Kan. Dun Ġużepp Zammit.

## 14 • Il-mewt id-dar u l-Qassis ta' l-Assistena għall-mewta tajba

Nibdew biex, dari l-kotra tan-nies kienu jitħallew imutu d-dar għax dik ta' xi ħadd minn niesek imutlek l-isptar, xejn ma kienet tinżlilhom tajjeb. Kienu jibżgħu li n-nies idoqqu bihom. L-għajdut ta' l-ilsna ħżiena kien li: "Ara mank żammewh id-dar; bagħtuh l-infirmerija (l-isptar) biex ħelsu minn taħbitu!" Issa dan mhux talli li ma kien ikun minnu xejn, anzi, min jaf dawk li jkunu jbejtu miegħu b'liema qsim-il qalb kienu jiddistakkaw ruħhom minnu. Kontra d-dħul l-isptar, imma l-aktar fl-inkurabbli, in-nies kellha stigma qawwija wisq! Mhux għax il-lum ma għadhiex ukoll taf, imma żgur li mhux daqs f'dawk iż-żminijiet.

Malli l-moribond imut, u s-Saċerdot – li min jaf kemm kien ikun ilu jassistih – ibierek il-katavru, xi żewġ irġiel minn ta' ġewwa kienu jakkumpanjawh lura d-dar. Ma kinux iħalluh imur waħdu għax mat-triq seta' jkun ittantat mid-demonju. Il-ħsieb kien li billi l-qassis kien f'pika ma' *Sbatna* biex jirbaħ dik ir-ruħ għal Alla, issa li jkun irnexxielu, ta' l-infern, hekk tellief u avvelut, jaf jagħtih xi fastidju! Il-Kappillan tal-Għasri Dun Karm Vella (1951-1965) kien jemmen wisq b'hekk u t-tagħrif li għadni kemm ipprovdejt nafu kollu minnu. Kont nogħxa nisimgħu jirrakkonta fuq iz-zuntier dwar dawn il-ħwejjeġ. Issa erħilha li mbagħad bil-lejl kont noqgħod nibża!

Is-saċerdot li ried jassistihom fil-punt tal-mewt biex jgħinhom jagħmlu mewta tajba kien wisq fi ħsieb in-nies ta' dari. Tant hu hekk li l-kotra l-kbira tan-nies kienu saħansitra jiftakru fih fit-testment. Per eżempju, Dun Mikiel Micallef (tal-Ħajjat: 1815-1893), ir-Rettur tal-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju tal-Għasri, fl-aħħar testment tiegħu magħmul fl-Atti tan-Nutar Carmelo Gauci ta' l-14 ta' Ġunju, 1892, fil-Ħames Paragrafu, imur jordna espressament hekk: "L-istess Testatur, Dun Mikiel Micallef iħalli b'titlu ta' Legat, sitt xelini sterlini (30ċ) li jitħallsu darba waħda biss, lil dak is-Saċerdot li jassistih fil-punt tal-mewt tiegħu".

## 15 • Diversi sinjal u modi ta' viżtu

Hekk kif jgħaddi x-xokk u l-ħasda 'stantanja li ġġib magħha l-mewt, anki dik l-aktar evidenti u mistennija, dlonk kienet tibda titħejja l-għorfa jew kamra li fiha jkun

ser jitqiegħed il-mejjet qabel il-funeral. Kienu jitneħħew l-inkwatri u l-mobbli ż-żgħar, dawk maniġġenti, waqt li l-oħrajn jitgħattew b'ložor bojod.

Aktar lejn żmienna, ngħidu aħna f'dawn l-aħħar sittin, sebgħin sena, meta allura beda tiela' dal-bini modern, bil-bitħa fuq wara nett, flok fuq quddiem, u fejn allura fil-bibien kienu bdew isiru pumi u ħabbatiet ornamentali, dawn kienu jitneħħew b'sinjal ta' vistu. Jerġa' aktar lejna, flok jinqalgħu l-pumi, bdew jagħmlu ċoff kbir iswed mal-bieba ta' l-istanga kif għadhom sa llum.

Lejn nofs is-snin ħamsin tas-seklu li għadu kif ħalliena daħal fl-Għasri r-Redifusion u ħafna installawh f'darhom, però bħala sinjal ta' vistu, meta jmutilhom xi ħadd, kienu jerġgħu jaqilgħuh mill-aktar fis. Issa erħilha li x'aktarx din kienet tkun biss skuża tajba biex jiffrankaw il-pagatella tiegħu!

Fil-knisja tal-Għasri, għall-funeral, bħala turija ta' vistu, kienu jneħħu l-ward kollu ta' fuq l-artali, filwaqt li l-kunepew u l-vint'artal kienu jagħmluhom ta' kulur vjola.

F'dak li hu lbies, in-nies tagħmel il-vistu billi xxidd ħwejjeġ ta' kulur iswed, l-aktar in-nisa. Sa xi ħamsa u għoxrin sena ilu, hawn l-Għasri, l-irġiel kien jimmanifestaw il-vistu tagħhom jew b'faxxa sewda ma' driegħhom tax-xelluġ jew biss b'sempliċi dabra sewda meħjuta mal-komma kif naraw fir-ritratt ta' faċċata.. Tissopponux li anki f'dan kienet tirrifletti l-*istatus symbel* ta' dak li jkun: il-faxxa kienet tal-puliti; id-dabra tal-kumuni. X'imħatra mhux qed temmnuni, ħa!

Drawwa oħra, li llum spiċċat għal kollox, kienet l-użanza li l-irġiel ma jqaxxrux leħja għal żmien twil bħala sinjal ta' vistu u niket. Leħja twila (meta ma tkunx miżmuma tajjeb) tagħti lill-wiċċ bixra ta' inkwiet, mifxul u mitluq. Dan kien mod biex il-bniedem juri d-dispjaċir tiegħu fis-siegħa tat-telfa tal-għeżież tiegħu. Oħrajn kienu anke juru żdingar fi ħwejjiġhom u fil-mod kif jilbsu biex juru dan in-niket. Dawn is-sinjali ta' luttu, l-aktar dik li ma jagħmlux (jqaxxrux) il-leħja, ilħaqtha sewwa fl-Għasri ta' tfuliti.

## 16 • Kefen, twiebet, u l-għassa mal-mejtin

Nifhem li fl-Għasri it-tkeffin kien isir minn dawk ta' ġewwa stess. Imma min assolutament ma kienx jinqala', dejjem kien isib xi ħniena. Għax tafx kif kienet l-biċċa, min kien jintriga minn dax-xogħol, jekk mhux biss ma' ta' ġewwa, kienet tiġri l-kelma, u n-nies dlonk tibda titmeżmeż minnu u tiskartah, saħansitra minn dawk stess li meta fettxewh sabuh tajjeb għal snienhom! Għax jgħidu għan-nies ta' llum ... x'uħud minn ta' dari lanqas kienu wisq ħelwin! Ħafna Bambin Bambin u *kniċje kniċje* u kellhom qalbhom ixref minn ġildet il-ħmir!

Ara kemm hu hekk, ċertu raġel mill-Għasri bejn b'karità u bejn biex idaħħal dik il-pagatella, beda jerfa' l-bandiera tal-mejtin, voldieri l-istendard ta' xi waħda miż-żewġ Fratellanzi li għandna fir-raħal, fil-funerali. Inzerta li dal-proxxmu kien ukoll bejjiegħ il-melħ, u meta n-nies saret taf bil-biċċa tal-bandiera, in-negozju naqsu tant li l-istendard kellu jerġa' jitilqu.

Intant, fl-Għasri ta' tfuliti, in-nisa kienu jitkeffnu kollha bl-iswed minn rashom sa saqajhom, u l-irġiel bil-kunfratija u l-muzzetta tal-Fratellanza għax kważi lkoll kienu fratelli jew f'tar-Rużarju, jew f'tas-Sagrament. Imma biż-żmien kollox jinbidel, anki l-mod tat-tkeffin. Fil-Bullettin tal-Ħadd, 24 ta' Jannar, 1971, il-Kappillan ġab din



in-nota: "Daħlet id-drawwa sabiħa fir-raħal tagħna li l-mejtin (nisa) jitlibbsu l-ABJAD flok l-ISWED. Drawwa sabiħa li għandna nżommuha. Illum l-abjad aktar jaqbel mal-liturġija tal-mejtin".

Fl-istess Bullettin, il-Kappillan kien ġab ukoll din in-nota qasira: "Skond tagħrif li waslilna dan l-aħħar, l-għassa mal-mejtin bil-lejl (fiċ-ċimiterju) inqatgħet għal kollox". Nifhem li dan kien il-mod diplomatiku li bih il-Kappillan ried iwassal lill-parruċċani bit-terminazzjoni tad-drawwa tal-għassa notturna mal-katavri, ukoll fiċ-ċimiterju.

Fi tfuliti, il-funerali, mill-knisja għaċ-ċimiterju kienu jkunu akkumpanjati mill-Pulizija tar-raħal li kien jimxi fuq quddiem nett. Imma ċ-ċimiterju ma kienx jidħol; kien joqgħod skejrat qisu brill ħada l-bieb, u waqt li t-tebut jgħaddi minn quddiemu, kien isellimlu. Kien hemm ordni li d-dfin ma jistax isir qabel jiskorru l-24 siegħa fuq il-mewt, u li jekk il-ħin jiskadi wara nżul ix-xemx, id-dfin kien ikollu jistenna sa 'l għada.

Wara l-Konċilju Vatikan II, ċirka l-1965, meta allura sar possibbli li l-quddies isir ukoll wara nofsinhar, il-funerali ma baqgħux isiru biss in-naħa ta' filgħodu. Anzi, bil-mod il-mod, u għall-kumdità ta' kulħadd, daħlet l-użanza li l-funerali jsiru filgħaxija, bid-difna ssir minnufih, ukoll jekk f'xi każi rarissimi ma jkunx għadu għadda ħin biżżejjed. Huwa llum illaxkaw tant affarijiet fejn jidħlu l-ħajjin, għax għandna nkunu stretti f'dak li jikkonċerna 'l mejtin!

F'pajjiżna, id-dfin fit-twiebet mhix xi ħaġa li tmur lura ħafna. Fl-antik id-dfin kien biss il-katavru mgeżwer fl-liżar. M'għandix iż-żmien eżatt, imma nifhem li m'ilux żmien kbir. Familji meqjusa bħala tat-tajjeb kien ikollhom tebut id-dar biex jużawh kull meta tinqalgħalhom il-ħtieġa. Wara li jittrasportaw fih il-mejjet, naturalment mikxuf, sal-post tad-difna, kienu jerġgħu jġibuh lura magħhom lejn id-dar. Fi Triq Għammar

kien hemm ċerta familja, li minkejja li kien għadda l-użu tiegħu, it-tebut ikkonservawh xorta waħda. Kien tebut iswed li aktar kien jixbaħ lil xi branda, jew katalett, milli kif nafuh illum. Kien bis-saqajn u bil-lasti biex jintrefa fuq l-idejn u mhux fuq il-kitfejn.

## 17: L-Għaża

Għaża[2]: kelma antikissima li tfisser mawran għand min ikun mietlu xi ħadd għażiż u għoti tal-għomor; kunslar, għoti ta' sabar, ta' kondoljanzi fin-niket; żawran lil familja vistuża fil-jiem tal-luttu strett.

Mela kienet id-drawwa li meta jmutilhom xi ħadd għażiż, tad-dar ma kinux isajru għax kienu jemmnu li n-nar tad-dinja kien iżid it-tbatija tan-nar tat-tisfija tal-Purgatorju. Aktar minn hekk, in-nisa ta' dik id-dar, għal tmint ijiem sħaħ, mhux talli li ma kinux iqabbdu nar biex isajru, talli lanqas biss kienu jixirfu mill-bieb 'il barra ħlief għall-knisja u qadi ieħor ta' bżonn kbir.

Fi tfuliti, fl-Għasri, din id-drawwa kien għadha teżisti; almenu dik li ma jsajrux dment li jkun għadhom bil-katavru quddiemhom wiċċhom, hemm id-dar. Nhar l-24 ta' Awissu, 1955 miet il-bużnannu Ġorġ Galea (tal-Merkant: 1864-1955). Billi min-naħa l-waħda kien jiġi n-nannu ta' Ommi, u min-naħa l-oħra kien jiġi missier ir-raġel ta' Sika – oħt Missieri, il-kbira; Ommi bagħtitilhom bixkilla affarijiet maz-zija Kelina. U jien mort magħha.

Għadni niftakarni sejjer inċerkes qisu l-bieraħ. Iz-zija bil-bixkilla f'idha l-waħda u jien imqabbad ma' djulha n-naħa l-oħra. Kienet bixkilla minn dawk tan-nefqa, jew tar-razzjon kif kienu jgħidulhom, stanjata ta' l-aluminju, bajda lewn il-fidda, mimlija kafè jaħraq u jfuħ bit-taċċi tal-qronfol u ċ-ċikwejra, imkebba ġo xalpa tas-suf tan-nagħaġ biex ma tiksaħx; ratal żokkor misrur ġo karta safra minn dawk tat-tiben, u xi nofs tużżana qagħaq taz-zokkor magħġuna bil-qxur tal-mandolina, kollhom ġunġlien u ħlewwa, mgħottija b'sarvetta bajda tan-newl, b'faxx ikħal bil-ħajt ta' l-Ingilterra, fuq żewġt iġnub.

Meta wasalna, billi l-bieb kien imbexxaq,[3] bqajna deħlin ġewwa; iz-zija għajtet bil-mod, minn taħt l-ilsien, u tlajna t-taraġ fejn fis-setaħ laqgħuna wliedu Minka u Pawla, skonsulati għall-mewt ta' missierhom. Avolja bniedem kbir, fuq id-disgħin!

Għalija dik kienet l-ewwel okkażjoni li niffaċċaja waħda mir-realtajiet l-iżjed kiefra tal-ħajja: il-mewt. Kien għadni ċkejken wisq biex nifhem x'jiġifieri. U forsi għalhekk ukoll ma daħħlunix fl-għorfa nara l-katavru ta' wieħed minn ulied l-Għasri l-aktar illustri ... il-bennej ta' l-ewwel parti tal-knisja l-ġdida, illum dik parrokkjali. Minħabba f'daqshekk għandi piena kbira, għax kieku kont inkun nista' ngħid li almenu rajtu darba; avolja mejjet!

---

[2] Ħada ċ-Ċimiterju tal-Għasri hemm raba' magħruf bħala ta' **INÂŻI** – diminutiv ta' **Għaża**. Inâżi, voldieri wieħed qed jerfa', qed imut, agunija. Proverbju antik jgħid: Dejjem inaża u qatt ma jmut. Frans Borg, fil-poeżija tiegħu 'Kollox Mitmum', fl-aħħar strofa jgħid: U waqt **l-inaza** tiegħek [Kristu] – meta mill-mewt maħkum – xħett ħarstek lejn is-sema – lissint "kollox mitmum" (Dawl Franġiskan – April 1998, p. 13).

[3] Fl-Għasri kien hemm id-drawwa li minn meta jmut xi ħadd id-dar, sa waqt il-funeral, il-bieb tat-triq kien jinżamm imbexxaq, anki bil-lejl, għax kien il-ħin kollu bil-viżtużi ġejjin u sejrin.

## 18 • Is-'Santi tal-Mewt' fl-Għasri

Bħal kull ħaġa oħra ġdida, fl-Għasri, is-santi tal-mejtin damu biex qabdu. L-ewwel santa ta' din ix-xorta kienet dik li saret b'tifkira tal-Viċendarju Dun Ġużepp Vella li miet nhar il-5 ta' Lulju, 1911. Imbagħad kellhom jgħaddu tmintax-il sena oħra biex ġiet it-tieni waħda – tifkira ta' Roża Saliba (tal-Bajdi) li mietet nhar id-29 ta' Marzu, 1929. Imbagħad, jerġa' kellu jgerbeb diċennju ieħor biex xi ħadd jistampa t-tielet waħda – tifkira ta' Ġużepp Zammit (Peppi ta' Ramond; missier Dun Ġużepp) li miet nhar it-2 ta' Settembru, 1939.

Bejn il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) u l-1990, temp ta' ċirka nofs seklu, fl-Għasri għandhom xorti kbira saru għoxrin tifkira kollox. Issa, mill-1990 'l quddiem, dawn ix-xorta ta' tifkiriet splodew u kienu biss il-waħdiet li ma għamlux.

***Ġesu` – Marija – Ġużeppi***
***Inħobbkom, Salvaw l-Erwieħ***



ID-DAUL TAL GENNA
O KALB HANINA TA GESÙ
GHAMEL LI JIDDI
FUK IR-RUH KADDISA TA
**ROSA SALIBA**
TA 77 SENA
MOGHNIA BIS-SAGRAMENTI
SA L' AHHAR NIFS TA HAJJTA
MARBUTA MAL VOLONTÀ T' ALLA
GHALKET IL GHAJNEJN TAHHA
GHAL DAN IL WIED TAD-DMUH
NHAR IL GIMGHA IL CBIRA
29 TA MARZU 1929
F'CASAL GHASRI - GHAUDEX
MIBCHIA MIN CULHAD.

Gesù, Maria, Giuseppi
*Ind. 7 snin u 7 quar.*

Collox ghalic o Kalb Sagratissima ta Gesù. *Ind. 300 giurnata.*



Icolcom ħniena minni, almenu intom o ħbieb tighi. *Giob.*

TIFCHIRA GHAZIZA
TAS-SAC. DON GIUS. VELLA,
LI FIL GHASRI, GHAL 36 SENA
HADEM GHAL GID TA L'ERUIEH,
NGHAR L'GHERBA 5 TA LUGLIU 1911,
UARA MARDA L'IZIED KALILA
HALLA DAN IL UIED TAD-DMUH
BIT-TAMA LI IGAUDI LIL
CREATUR TIGHU.
R. I. P.

Gesù ghatiħ il mistrieħ ta dejjem
( Ind: ta 7 snin u 7 quarantini )



Laudato si mi Signore
per sora nostra morte...corporale.
ALLA CARA MEMORIA
DI
**GIUSEPPE ZAMMIT**
SERENAMENTE SPIRATO
NEL 50MO ANNO DI SUA ÈTÀ
A. C. GHASRI
ALL'ALBA DEL 2 SETTEMBRE 1939

La sposa, i figli, i genitori, i fratelli, ed i nipoti, domandano ai loro parenti ed amici una prece per il loro caro estinto.

Gesù, Maria, Giuseppe.
(Ind. 7 anni e 7 quar.)